MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1438/1995/1

**Louis Cutajar**

**vs**

**Josette Farrugia gja' Cutajar**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni a fol. 1 tal-process datat 12 ta' Ottubru 1995 li permezz taghha l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, ippremetta:

Illi b'kuntratt pubblikat minn Nutar Dr. John Cachia Zammit fit-2 ta' Frar 1994 (Dok. "A") il-partijiet isseparaw minn ma' xulxin ghar-ragunijet u taht il-kundizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratt.

Illi ftit zmien wara l-imsemmi kuntratt, il-konvenuta pproponiet azzjoni ghall-annullament taz-zwieg.

Illi skond l-istess kuntratt tat-2 ta' Frar 1994, l-attur kellu jhallas lill-konvenuta manteniment ghaliha ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha, bil-kundizzjoni li dan il-manteniment kellu jieqaf kemm il-darba din tibda tahdem.

Illi peress illi llum:-

(i) jidher car lli l-konvenuta qed tahdem ghalkemm hi dejjem cahdet dan; u aktar minn hekk

(ii) il-konvenuta stess, filwaqt li kienet qed tiffrekwenta ragel iehor, l-ewwel interpellat lill-attur biex ma jindahlilhiex fil-hajja privata taghha u ma jinterrogax lil binhom dwar jekk ommu kellhiex ragel iehor (Dok. "B") u sussegwentement, quddiem xhieda barranin, stqarret li ghandha ragel iehor, liema stqarrja tammonta ghall-ammissjoni ta' adulterju, u fi kwalunkwe kaz l-agir taghha fil-konfront ta' l-attur jammonta ghall-mohqrija, sevizzji, ngurji gravi u eccessi ghal kull fini u effett tal-ligi.

Illi minhabba f'dan l-agir, il-konvenuta tilfet id-dritt tal-manteniment skond il-ligi, izda xorta baqghet tircievi l-manteniment minghand l-attur.

Illi l-partijiet fl-imsemmi kuntratt (Dok. "A"), kienu ftehmu wkoll illi l-attur kellu jkollu access ghal ibnu l-minuri, Anthony, "*fil-granet u fil-hinijiet li diga' gew miftiehma bejn il-partijiet quddiem il-Qorti, fis-seduta ta' l-4 ta Novembru 1993, jew granet u hinijiet ohra li jigu miftiehma bejn il-konjugi Cutajar jew stabbiliti mill-Qorti kompetenti f'kaz ta' konflitt.*"

Illi minn dak iz-zmien 'l hawn l-attur bidel ix-xoghol tieghu u qed jahdem ma' sajjied u f'hafna okkazjonijiet qed jitlef l-opportunita` li jara lil ibnu minhabba n-natura tax-xoghol gdid tieghu u kif hu obbligat li jahdem.

Illi l-attur kiteb lill-konvenuta u ssuggerielha mod gdid kif hu ikollu access ghal ibnu, izda din irrifjutat li tirranga l-

hinijiet u l-granet taht il-pretest li dan ma kienx fl-interess tal-minuri (Dok. “C”, “D” u “E”).

Illi, *inoltre*, din ir-rigidita` da parti tal-konvenuta fil-konfront ta’ l-attur, u l-access ta’ dan ghal ibnu qed tikkawza anke disturbi psikologici fil-minuri li hafna drabi jispicca jibki minhabba l-agir ta’ ommu fil-konfront ta’ l-attur (ara wkoll Dok. “B” u “F”).

Talab ghalhekk l-attur tghid l-istess konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1) Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt tal-manteniment kif miftiehem fi klawsola 2 tal-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet tat-2 ta’ Frar 1994;

2) Tikkundanna lill-konvenuta trodd lura kull hlas ta’ manteniment li sar lilha minn meta hi tilfet id-dritt ghal tali manteniment skond il-ligi, jew skond il-kuntratt, liema wahda miz-zewg eventwalitajiet avverat ruhha l-ewwel;

3) Tordna illi l-attur ghandu jkollu granet u hinijiet differenti ta’ access ghal ibnu minuri Anthony u dan skond l-esigenzi tax-xoghol tieghu, kif tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, minn issa ngunta biex tidher u ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista ta’ xhieda ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 22 ta’ Frar 1996 fejn eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur.

2. Illi l-esponenti tinnega kategorikament l-allegazzjoni ta’ adulterju.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ligi ma tikkontemplax id-dekadenza wara kuntratt ta’ separazzjoni anke f’kaz illi l-allegazjoni t’adulterju jigi ppruvat.

4. Illi ghalhekk l-ewwel u t-tieni talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu michuda.

5. Illi rigward it-tielet talba l-access ta’ l-attur ghat-tifel minuri tal-kontendenti ghandu dejjem isir skond l-esigenzi ta’ l-istess minuri u mhux skond l-esigenzi tax-xoghol ta’ l-attur.

6. Illi b’mod partikolari, l-access tal-minuri ghandu jigi stabbilit wara li din l-Onorabbli Qorti tkun ikkunsidrat l-fatti kollha u semghet ix-xhieda tal-persuni nvoluti fejn jirrizulta l-imgieba ta’ l-istess attur rigward l-istess minuri, illi huwa determinanti ghall-istess minuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista ta’ xhieda ta’ l-attrici.

Rat il-**kontrotalba** ta’ l-attrici a fol. 19 tal-process fejn ippremettiet:

Illi kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-imgieba ta’ l-attur fil-konfront tat-tifel minuri tal-kontendenti, u cjoe`, Anthony Cutajar, huwa ta’ hsara kbira emozzjonali u psikologiku ghall-istess minuri jekk il-hinijiet u l-granet tal-access ta’ l-attur missieru jigu stabbiliti minghajr ma jigi stabbilit kontestwalment dawk il-mizuri necessarji ghall-harsien tal-minuri.

Illi ghalhekk l-istess konvenuta talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Prevja *occorrendo* dikjarazzjoni illi l-komportament ta’ l-attur fil-konfront tal-minuri ibnu Anthony Cutajar huwa ta’ hsara ghall-istess minuri, taghti dawk il-provvedimenti illi jidhru xierqa lill-istess Qorti ghall-harsien emozzjonali u psikologiku ta’ l-imsemmi minuri;

2. Tistabbilixxi il-granet u l-hinijet ta’ l-access ta’ l-attur ghall-imsemmi minuri u dan fl-interess u skond l-esigenzi ta’ l-istess minuri u l-provedimenti moghtija minn din il-Qorti ghall-harsien tal-minuri, kif mitluba.

Bl-ispejjez ghall-attur ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista ta’ xhieda tal-konvenuta.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontrotalba tal-konvenuta fejn eccepixxa:-

1. Illi mhux minnu li l-komportament ta’ l-eccipjenti fil-konfront t’ibnu minuri, Anthony Cutajar, huwa ta’ hsara ghall-istess minuri, anzi ghall-kuntrarju il-mod kif qieghed jigi trattat l-istess minuri minn ommu u n-nanniet materni tieghu jidher illi qed ikun ta’ detriment ghall-izvilupp ta’ l-istess tifel, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi t-tieni domanda tal-kontrotalba tal-konvenuta hija zejda minhabba li tirrepeti t-tielet domanda tac-citazzjoni ta’ l-eccipjent u ghalhekk l-ecccipjent ghandu jigi liberat minnha bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Salvi ecezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda ta’ l-attur (a fol. 23);

Rat ir-rapport tal-Psikjatra Josette-Marie Camilleri (a fol. 83 tal-process) u kif ukoll ir-rapport tal-Psikjatra Dr George Debono (a fol.132).

Rat il-verbali tas-seduti tat-30 ta’ April 1996; ta’ l-14 ta’ Mejju 1996; tal-25 ta’ Gunju 1996 fejn Dr. Stephen Thake talab li jigi nominat Child Psychologist. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Dr. Elena Tanti Burlo`;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju;

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 30 ta' Mejju 1996 fejn talab li sakemm tigi deciza l-kawza jigi varjat l-access tieghu ghall-minuri fix-xhur tas-Sajf;

Rat id-digriet tal-Qorti fejn stiednet lill-attur sabiex jipprezenta rikors iehor rigwardanti l-hin ta' l-access tax-xhur tax-Xitwa *stante* li is-Sajf kien ghadda.

Rat ir-rikors ta' l-Assistent Gudizzjarju fejn talbet li jigi sostitwit il-Perit Mediku;

Rat id-digriet tad-9 ta' Ottubru 1996 fejn il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Suor Mariella Agius bl-istess inkarigu;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Ottubru 1996;

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 3 ta' Ottubru 1996 fejn talab li jigi varjat il-hin ta' l-access tieghu ghall-minuri fix-xhur tax-Xitwa;

Rat in-nota ta' l-attur datata 16 ta' Ottubru 1996;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru 1996 fejn il-Qorti qalet li se tistenna r-rapport ta' l-espert innominat qabel ma tiddegreta r-rikors ta' l-attur tat-3 ta' Ottubru 1996;

Rat il-verbal tas-seuti tas-27 ta' Novembru 1996; tas-27 ta' Dicembru 1996 fejn il-Qorti ordnat li l-partijet jattendu ghal seduta ohra it-Tnejn, 30 ta' Dicembru 1996 fejn l-omm ghandha ggib maghha lill-minuri u kif ukoll ghandha ggib lill-minuri maghha kull seduta ohra li ssir;

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 17 ta' Dicembru 1996 fejn talab li jkollu access ghal ibnu f'wahda mill-granet indikati minnu;

Rat il-verbali tas-seduti tat-30 ta' Dicembru 1996 fejn il-Qorti ordnat komunika lir-Registratur tal-Qorti *stante* li r-rikors ta' l-attur tas-17 ta' Dicembru 1996 m'huwiex ghad-dispozizzjoni taghha; ta' l-20 ta' Jannar 1997; tas-17 ta' Frar 1997 fejn gie mahluf ir-rapport ta' l-espert u fejn

permezz ta’ nota ta’ Dr. Joseph Buttigieg gie mitlub nomina ta’ Periti Perizjuri;

Rat ir-rapport ta’ Josette Marie Camilleri;

Rat il-verbali tas-seduti ta’ l-24 ta’ Frar 1997 fejn gie mifthiem illi l-Qorti ghandha tirregola l-access kif jidhrilha hi pero` dan ser ikun dejjem taht is-supervizjoni ta’ Joseph Calleja jew Raymond Dimech mic-Centru Hidma Socjali ghal sitt xhur; tal-5 ta’ Marzu 1997 fejn inghata digriet;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-5 ta’ Marzu 1997 fejn gie deciz illi l-access tal-missier ghandu jisr fic-Centru Hidma Socjali taht is-supervizjoni ta’ Joseph Calleja, kull nhar ta’ Gimgha mis-saghtejn ta’ wara nofsinhar sal-hamsa ta’ filghaxija;

Rat il-verbal tas-27 ta’ Mejju 1997 fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex tkompli bil-gbir tal-provi;

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 1 ta’ Ottubru 1997 fejn talab lill-Qorti tawtorizzah jipproduci zewg persuni bhala xhieda f’din il-kawza;

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Ottubru 1997 fejn gie nominat Dr. George Debono sabiex jezamina lill-partijiet u lill-minuri a fini ta’ kura u kustodja u access ghall-minuri; xehed is-*Social Worker* Joseph Calleja;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 27 ta’ Novembru 1997 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess, ta’ ommu, Maria Cutajar u ta’ hutu, Carmen Busuttil, Rita Zahra u Catherine Muscat;

Rat l-affidavits ipprezentati mill-attur;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 15 ta’ Dicembru 1997 fejn permezz taghha ddikjarat li ser taghmel il-kontro-ezami ta’ Maria Cutajar, Carmen Busuttil, Rita Zahra u Catherine Muscat;

Rat in-nota ta’ Dr. Stephen Thake, datata 29 ta’ Dicembru 1997 fejn permezz taghha informa lill-Qorti li irrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenuta;

Rat il-verbal tad-29 ta’ Dicembru 1997 fejn Dr. Godfrey Gauci Maistre assuma l-patrocinju tal-konvenuta; deher il-Perit Mediku li halef ir-rapport tieghu; xehdu Roberta Bonello u Ruth Sciberras;

Rat ir-rapport tal-Perit Mediku Dr. George Debono;

Rat ix-xhieda ta’ Roberta Bonello u Ruth Sciberras;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 13 ta’ Jannar 1998 fejn permezz taghha nfurmat lill-Qorti li l-Psikjatra Dr. John Mifsud, li kellu jinstema` bhala xhud ma jistax jattendi ghas-seduta minhabba mpenji professjonali ohra;

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta’ Jannar 1998; tat-12 ta’ Marzu 1998 fejn il-Qorti ordnat li jixhed Dr. John Mifsud rigwardanti l-ezamijiet medici li ghamel fuq il-minuri;

Rat ix-xhieda ta’ Dr. John Mifsud;

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta’ April 1998 fejn il-kawza giet differita sabiex jinghata digriet kamerali wara li jigi pprezentat ir-rapport ta’ l-espert Psikjatra mqabbad mill-Qorti; tat-2 ta’ Lulju 1998 fejn Dr. Gauci Maistre talab li jipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba; u tad-29 ta’ Ottubru 1998;

Rat ir-rapport ta’ Dr. George Debono pprezentat fl-24 ta’ Marzu 1999;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-24 ta’ Marzu 1999 fejn xehed Dr. George Debono;

Rat ix-xhieda ta’ Dr. George Debono;

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta’ Mejju 1999 fejn gie nominat lill-Psikjatra Dr. Abraham Galea sabiex flimkien ma’ Dr. George Debono jirredigi rapport finali bhala

perizja addizzjonali; u tad-29 ta' Ottubru 1999; tad-19 ta' Novembru 1999 fejn il-Perit Perizjuri halfu r-rapport taghhom;

Rat ir-rapport tal-periti perizjuri Dr. George Debono u Prof. Abraham Galea;

Rat il-verbali tas-seduti ta' l-14 ta' Marzu 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-eskussjoni tal-periti addizzjonali; tat-13 ta' April 2000; tat-13 ta' Lulju 2000; tal-25 ta' Jannar 2001; tat-30 ta' Ottubru 2001; u ta' l-20 ta' Novembru 2001;

Rat in-nota tal-konvenuta datat 20 ta' Novembru 2001 fejn permezz taghha pprezentat proposta maghmula lill-kontro-parti bhala bazi ghal tranzazzjoni;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 1997 fejn il-Qorti giet infurmata li t-tranzazzjoni ma sehhitx;

Rat l-avviz tal-31 ta' Jannar 2002 fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April 2002 fejn inghata digriet ta' l-affidavits tal-partijiet b'terminu ta' tletin jum kull wiehed u l-kawza giet differita ghall-eskussjoni tal-periti addizzjonali;

Rat in-nota ta' l-attur ta' l-14 ta' Mejju 2002 fejn permezz taghha pprezenta xi dokumenti;

Rat in-noti ta' l-attur datata 14 ta' Mejju 2002 fejn permezz taghhom ipprezenta l-affidavits ta' ohtu, Carmen Busuttil; ta' ommu, Maria Cutajar u tieghu stess;

Rat l-affidavits ipprezentati mill-attur;

Rat in-noti tal-konvenuta datata 13 ta' Gunju 2002 fejn permezz taghhom ipprezentat l-affidavits t'ommha, Maria Dolores Farrugia, ta' missierha, Alfred Farrugia, ta' binha, Tony Cutajar u taghha stess.

Rat l-affidavits ipprezentati mill-konvenuta;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Gunju 2002 fejn xehedu P.S. 1448 Victor Buttigieg, Julia D’Amato, Marco Busuttil; Kevin Block; u Pierina Block; il-Qorti kellmet lill-partijiet informalment fis-sigrieta;

Rat ix-xhieda tal-persuni hawn fuq imsemmija;

Rat il-verbali tas-seduti tat-3 ta’ Ottubru 2002; tal-21 ta’ Novembru 2002 fejn gie nominat Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 28 ta’ Novembru 2002 fejn permezz taghha pprezenta xi dokumenti;

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta’ April 2003; tal-5 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti kellmet lill-minuri; il-partijiet iddikjaraw li m’ghandhomx provi izjed u talbu jaghmlu nota ta’ l-osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Marzu 2004;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur tal-31 ta’ Ottubru 2003;

Rat il-verbali tas-seduti tat-30 ta’ Marzu 2004 fejn il-kawza giet differita ghall-20 ta’ April 2004 *stante* li l-process ma kienx ghad-dispozizzjoni tal-Qorti u ghalhekk ma setghatx tinghata s-sentenza; u ta’ l-20 ta’ April 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ April 2004.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) . PROVI PRODOTTI.

### (i) Provi attrici:

Illi l-attur xehed li huwa jahdem bhala sajjied fuq il-bahar flimkien mal-kugini tieghu. Huma jahdmu kif jippermetti t-temp u m'ghandhomx orarju jew granet partikolari. Il-perijodu lavorattiv jibda bejn l-1 ta' Mejju sal-Milied. Minhabba f'tali sitwazzjoni l-attur xehed li diversi drabi huwa ma jkunx jista` jaccedi ghal ibnu fil-granet stabbiliti bejn il-kontendenti fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom, u meta jkollu l-opportunita` fi granet ohra, l-konvenuta tipprekludi dan milli jsehh bir-rizultat li f'okkazjonijiet jaghmel gimghat shah ma jara lil ibnu:

"*Jekk ninzerta inkun l-art f'gurnata li ma tkunx dik li fiha suppost nara lil ibni, marti xorta ma thallinix narah. Minhabba f'hekk matul l-istagun tas-sena l-ohra gieli ghamilt tlett gimghat ma narax lill-ibni, u kien hemm hafna okkazjonijiet meta ma rajtux ghal madwar hmistax-il gurnata.* " (a fol. 31 tal-process).

Illi l-attur xehed dwar l-access tieghu ghal ibnu fil-perijodu Marzu tas-sena 1995 sa Ottubru tas-sena 1996. Huwa pprezenta dokument mmarkat bhala Dok "JMB2" redatt minn familjari tieghu fuq struzzjonijiet tieghu, li jirrifletti x'gara fil-granet ta' l-access tieghu fil-perijodu fuq imsemmi. Jidher li diversi drabi huwa ma setax jattendi minhabba x-xoghol tieghu. A fol. 48 ghamel referenza ghall-okkazjoni fejn mar l-ghassa u meta ltaqa' mat-tifel dan kien jidher kuntent izda fl-istess hin imbezza'.

Illli l-attur xehed ukoll li ibnu kien jikkonfida mieghu dwar il-habib ta' ommu u li meta dan ta' l-ahhar kien icempel kienu jobbligawh ikellmu. Rigward din ir-relazzjoni tal-konvenuta, l-attur esebixxa tlett ritratti a fol. 226 sa 228 fejn hemm il-konvenuta, il-minuri u terza persuna. *Inoltre* Mark Busuttil prodott mill-attur xehed (a fol. 280 tal-process) li lemah lill-konvenuta titbewwes ma' terza persuna gewwa vettura. Xehed ukoll fuq dan il-punt Kevin Blokk (a fol. 288) li kien ha ir-ritratti esebiti a fol. 226, 227 u 228. *Inoltre* huwa xehed li raha titbewwes u titghannaq ma' terza persuna. Din il-verzjoni giet ikkonfermata minn Pierina Block.

Illi fil-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Gunju 2002 il-konsulent legali tal-konvenuta iddikjara li:

“*… l-konvenuta kellha relazzjoni ma’ terza persuna ghal xi perijodu, li llum spiccat.*”

Illi l-affidavits ta’ Maria Cutajar, Carmen Busuttil, Rita Zahra, Catherine Muscat, ilkoll familjari ta’ l-attur, principalment jitfghu dawl fuq il-fatt li l-minuri kien dejjem milqugh tajjeb meta ghamel perijodi jghix ma’ omm l-attur wara li l-konvenuta kienet telqet mid-dar konjugali taghha. *Inotre* huma xehdu li l-attur kien igib ruhu tajjeb fil-konfront ta’ ibnu u li dawn kellhom relazzjoni tajba flimkien.

Illi xehdet ukoll Julia D’Amato (a fol. 272) li sahhqet fuq ir-relazzjoni tajba bejn l-attur u ibnu, u bejn l-familjari ta’ l-attur u l-minuri, kif ukoll dwar il-fatt li l-minuri ma kienx ikun irid jerga` jmur lura ghand il-konvenuta.

**(ii) Provi Konvenuta.**

Illi l-konvenuta ressqet ix-xhieda tal-genituri taghha li kkontradixxew kategorikament dak li sostna l-attur u x-xhieda minnu mressqa. Huma ghamlu referenza ghal diversi okkazjonijiet fejn l-attur kien vjolenti kemm fil-konfront taghhom kif ukoll fil-konfront tal-konvenuta u ta’ l-iben minuri.

Illi l-konvenuta fl-affidavit taghha xehdet fit-tul dwar il-hajja taghha ma’ l-attur, dwar l-attitudni vjolenta ta’ l-attur kemm fil-konfront ta’ binhom kif ukoll fil-konfront taghha.

Illi rigward l-allegata relazzjoni taghha ma’ terza persuna hija cahdet din l-allegazzjoni u fil-fehma taghha r-relazzjoni taghha mat-terza persuna, John, kienet biss wahda ta’ hbiberija. Madanakollu hija ammetiet li fil-perijodu li hija ghamlet tghix Ghawdex flimkien ma’ binha, John kien jitla’ jzurhom.

**(iii) Xhieda ohra.**

Illi xehedu diversi x-xhieda fosthom il-Psikjatra, **Josette Marie Camilleri** wara li ghamlet rapport dwar il-qaghda psikologika tal-minuri (a fol. 83 *et seq*), li ikkonkludiet li l-access tal-missier kellu jkun wiehed taht supervizjoni ghal perijodu ta' sitt xhur u sussegwentement f'kaz li r-relazzjonijiet bejn l-missier u l-iben jitjiebu, t-termini ta' l-access kellhom jinbidlu.

Illi l-Psikjatra Dr. George Debono ukoll ghamel rapport dwar il-qaghda psikologika tal-minuri u tal-kontendenti (a fol. 133) u ikkonkluda:

"*Is-sitwazzjoni prezenti turi li it-tifel, kemm minhabba c-cirkustanzi kif ukoll il-karattru tieghu, qed ihossha mpossibli li jmur ma' missieru fil-prezent … izda peress li it-tifel ghadu zghir mhux qieghed f'kundizzjoni li jifhem is-sitwazzjoni u ghaldaqstant fl-opinjoni tieghi ikun prudenti li jkun espost ghall-presenza ta' missieru taht kontroll.*"

Illi l-Qorti taghmel ukoll referenza ghac-certifikat mediku esebit bhala Dok. "JF1" rilaxxjat mill-Psikjatra Dr. John Mifsud (a fol. 59 tal-process) fejn jinghad li t-tifel kien qed isofri minn hsara psikologika, senjtament, tensjoni minhabba l-fatt li kien ikollu jmur l-ghassa sabiex jiltaqa' ma missieru.

Illi **Roberta Bonello**, inkarigata li taghmel *supervision* waqt l-access tal-missier gewwa c-Centru Hidma Socjali xehdet a fol. 135 tal-process li l-minuri kien juri relottanza sabiex jiltaqa' ma' missieru. *Inoltre* xehdet li fl-okkazjoni meta ntuzat il-forza sabiex it-tifel jara lill-attur "*it-tifel beda juri relottanza kbira milli jara lil missieru. Imbaghad it-tifel ghajjar lil missieru iblah u l-missier hallih jitlaq.*"

Illi **Ruth Sciberras**, ukoll inkarigata bis-*supervision* ta' l-access ta' l-attur xehdet diversament u sostniet (a fol. 137) li: "*normalment it-tifel kien ikun normali mal-missier.*" Kienu biss tlett okkazzjonijiet minn tnax fejn it-tifel irrifjuta li jara lil missieru. *Inoltre* hija accennat ghall-fatt li t-tifel ma riedx aktar jara lil missieru wara okkazjoni fejn:

"*Jiena niftakar f'okkazjoni wahda lit-tifel jghid lil missieru li hu ma riedx jarah ghax hu ma kellux flus u ma kienx qed jghinha finanzjarjament, ghax ma kienx qed jahdem.*"

Illi l-Qorti tinnota li wahda mir-ragunijiet ewlenin ghalfejn it-tifel ma riedx jara aktar lil missieru kien il-fatt li f'xi okkazzjoni meta it-tifel kien qieghed ma' missieru, xi hbieb ta' missieru kienu ghamlu referenza ghal jew iccajtaw mieghu dwar l-organi sesswali tieghu. Jidher li din l-okkazzjoni baqghet f'mohh il-minuri. Rigward dan l-incident accennaw ghalih diversi Psikjatri u xhieda ohra. Il-Qorti stess diversament ghamlet referenza ghal dan il-punt fis-seduta tat-12 ta' Marzu 1998 fejn kienet staqsiet lix-xhud Dr. John Mifsud (a fol 146):

"*… Dan kellimtu anke jien dan it-tifel, jidher li hu ghandu affezzjoni lejn il-missier, vera li hemm xi ncident fejn allega li xi hbieb ta' missieru, pero` apparti minn dan, jidher li, … li t-tifel ma jridx li jinqata' l-kuntatt mal-missier kompletament.*"

Dr. John Mifsud xehed li:

"*Dott. Buttigieg: It-tifel minn jeddu qatt urik xi avversjoni lejn missieru personalment?*

*Xhud: Iva dik kienet konsistenti fih quddiemi illi dejjem jibza' minn missieru u ma jridx jiltaqa` mieghu, dik kienet konsistenti.*"

Illi Dr. George Debono a fol. 163 accenna ghall-fatt ukoll li l-minuri ma riedx jara lil missieru:

"*Din is-sitwazzjoni kienet l-istess meta kont ezaminajt it-tifel jien fejn kien qalli li wara li missieru kecca lil ommu mid-dar hu hadha bi kbira izda dak iz-zmien kien ghadu zghir ma jafx izda kompla biex jghid li hadha bi kbira meta xi hbieb ta' missieru ippruvaw immissu l-organi sesswali tieghu u missieru ma qal xejn.*"

Illi rigward dan l-incident it-tifel stqarr quddiem il-Psikjatri appuntati mill-Qorti (a fol. 178) li hbieb ta' missieru kienu missewh fuq il-hwejjeg:

"*Hekk missewni fuq il-hwejjeg.*"

**ii. PRINCIPJI LEGALI.**

Il-Qorti tinsab rinfaccjata b'kawza fejn trid tiddeciedi fuq l-access ta' genitur ghal ibnu minuri u kif ukoll dwar id-dekadenza *o meno* tal-konvenuta mid-dritt tal-manteniment *in vista* t'allegat adulterju.

Illi dan kollu qed isir fil-kuntest ta' kawza wara kuntratt ta' separazzjoni, li l-attur jitlob l-varjazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' l-istess ftehim bejn il-partijiet kemm dwar l-access tieghu ghall- minuri u kif ukoll dwar il-manteniment li fl-istess kuntratt obbliga ruhu li jaghti lill-konvenuta. Il-konvenuta minn naha l-ohra fil-kontro-talba taghha qed tghid li l-access tal-minuri anke kif regolat fil-kuntratt ghandu jigi mibdul *stante* li l-presenza tal-missier kienet qed tkun ta' dannu ghall-istess minuri u allura qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiehu l-provvedimenti opportuni sabiex l-interess tal-minuri jigi salvagwardjat.

**Access:** Il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li diversi seduti, ghalkemm ma nstemghux xhieda, ntuzaw sabiex it-tifel minuri jqatta' ftit hin ma' missieru (a fol. 61 tal-process).

Illi meta tikkonsidra dan l-aspett din il-Qorti tirreferi ghal dak li sostnew il-Psikjatri Prof. Abraham Galea u l-Psikjatra George Debono (a fol. 186) fejn irrelataw li:-

"*Ahna ghalhekk ma nistghux ma nissimpatizzawx u ma naqblux illi l-influwenza ta' l-omm u kif qed jigi mrobbi iben l-esponent hija totalment negattiva fil-konfront ta' l-esponent b'rizultat li fl-iben qed jonqsu l-istima u r-rispett li wiehed jistenna li iben ikollu lejn missieru.*"

Il-Qorti tkompli taghmel referenza ghar-rapport fuq citat fejn jinghad:

"*Kull min kien involut fil-kwistjoni ta' l-access qabel … li l-access tal-missier ghal ibnu ghandu jigi rispettat. Ma naqblux izda li dan l-access ghandu jsir f'xi istituzzjoni bhal ma hija Ghassa tal-Pulizija jew Centru Socjali ghax dawn ma jirriflettux il-hajja ta' kuljum u ghalhekk huma 'counter-therapeutic'. Lanqas ma naqblu li jekk issir supervizjoni bhala ma kienet rakkomandat kemm mill-Psikologa u kemm mill-Qorti ghandu jkun minn social workers ghax dan jirrifletti awtorita` estranja ghall-hajja familjari.*"

Illi din il-Qorti hadhet konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li l-konvenuta f'diversi okkazzjonijiet ghamlitha difficli ghall-attur sabiex ikollu access ghall-istess minuri u fil-fatt jirrizulta li hija kienet persistentement tirrifjuta t-talbiet ta' l-attur sabiex jara lil ibnu, u kienet hija li ghamlet perijodi twal tghix flimkien ma' binha minuri gewwa Ghawdex.

Illi ma hemm l-ebda dubju li din l-attitudini ta' omm l-istess minuri influwenzat lill-istess minuri, u din l-attidudini taghha ilha sew tippersisti u bizzejjed jinghad li din il-kawza, anke minhabba l-attagament tal-partijiet f'din il-kawza, li b'dispjacir il-Qorti tinnota li ilha issa pendenti disa' snin; disa' snin li l-istess minuri kien affacjat f'sitwazzjoni ta' konflitt kontinwu bejn il-genituri tieghu u huwa kien kontinwament mistenni li jaghzel parti minn ohra, biss biss bl-attitudini konsistenti ta' l-istess partijiet.

Illi fil-kors tal-kawza kollha minkejja diversi nterventi ta' persuni esperti jew specjalizzati f'xoghol socjali u anke psikologiku u psikjatriku, l-partijiet fl-ebda mument ma' waqfu biex jikkonsidraw kif setghu jaslu ghal ftehim ghall-gid ta' l-istess minuri. Baqghu biss trancati fil-pretensjonijiet u akkuzi taghhom taghhom rispettivi u ppruvaw jaghmlu mill-istess minuri ballun bejniethom. L-omm tuza l-influwenza taghha konsiderevoli peress li l-istess minuri qed jghix maghha, u l-missier jipprova josforza s-sitwazzjoni, zewg komportamenti li certament ma ghenu bl-ebda mod lill-istess minuri.

Illi sfurtunatament din hija haga mhux rari fil-kawzi ta' separazzjoni u access tal-minuri bejn il-partijiet, u l-Qorti

tista' tispera biss li l-attitudini tal-partijiet f'kawzi bhal dawn tibda bil-mod il-mod tinbidel bl-introduzzjoni kemm tal-proceduri ta' medjazzjoni, u l-Avukat tal-minuri u wkoll bil-hatra ta' *social workers* specjalizzati li jkunu huma li jirraprezentaw u jiehdu hsieb l-interess ta' l-istess minuri.

Illi dan ir-rikjam qed issir mill-Qorti biss fl-interess ta' l-istess minuri, peress li din il-Qorti thoss li f'dan l-aspett u certament f'din il-kawza l-interess tal-minuri ma' gie bl-ebda mod salvagwardat mill-partijiet. It-tentattivi taghha kollha sabiex kull parti tirrezisti milli taghmel pressjoni fuq l-istess minuri u wkoll sabiex trattab il-vizjoni taghha lejn l-kontro-parti ma sewa assolutament ghal xejn – lanqas biex jidher ghall-mument f'ghajnejn l-istess minuri li l-genituri tieghu kienu qed jaghmlu sforz u jaqblu fuq xi haga dwaru.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti kellmet lill-istess minuri, li deher mill-ewwel li bis-sitwazzjoni li l-genituri tieghu poggewh fiha kien taht pressjoni u fil-fatt wara tali inkontru sar verbal fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2003 fejn gie ndikat li:-

"*Il-Qorti kellmet lill-minuri, Tony Cutajar Farrugia li nfurmaha li ilu xi tlett xhur joqghod Ghawdex, Marsalforn. Il-minuri fehem lill-Qorti … … Huwa jiddikjara li ghandu 13-il sena u li assolutament ma jridx jara lil missieru. … Il-Qorti tiddikjara li fid-decizjoni taghha li se taghti konsiderazzjoni ghal dak li qal it-tifel.*"

Illi ovvjament ma hemm l-ebda dubju li fic-cirkostanzi odjerni u prezenti, l-lehen tal-minuri ghandu jinstema' b'mod pero' li ghandu jkun assigurat li l-istess minuri jkun f'pozizzjoni li jkun liberu li jaghmel dan, u dan jista' jsir biss jekk ikun hemm il-kollaborazzjoni genwina tal-genituri tieghu u jekk ikun hemm bzonn meghjuna minn esperti kompetenti.

Illi f'dan il-kaz, bhal sfortunament hafna ohrajn, l-attitudini tal-minuri u l-espressjoni tieghu ma setghetx ma kenitx influwenzata mill-komportament konsistenti tal-genituri tieghu u mill-konfitt kontinwu li mhux biss kien kostrett li jara, izda wkoll li litteralment ghamluh is-suggett taghhom.

Illi hawn, il-Qorti ma tistax ma' taghmilx riferenza ghall-konkluzjoni tal-periti senjatament il-Psikjatra Professur Abraham Galea u l-Psikjatra Dr. George Debono li kkonkludew li l-apatija ta' l-iben fil-konfront tal-missier setghet kienet naxxenti mill-effett negattiv li kien ihalli l-access tal-missier fuq l-omm, b'tali mod li l-attitudni ta' l-omm setghet influwenzat lill-iben minuri (a fol. 187):

"*Ikkunsidrajna d-diffikultajiet li jistghu jinqalghu bl-access tal-missier: l-omm tista thossha mhedda b'dawn il-kuntatti u tigi kagunata certu ansjeta' li tigi trasmessa lit-tifel u b'hekk jista' jirrifjuta li jara l'missieru; l-omm tista' tizviluppa dipressjoni jew disturbi psikologici b'dawn il-kuntatti u thoss nuqqas ta' rikonoxximent u apprezzament ghal dak li ghamlet u ghadha taghmel ghal binha; … it-tifel b'lealta` lejn l-omm jista' ma jsemmix lil missieru u dan jigi nterpretat bhala indifferenza jew nuqqas ta' nteress li jara lil genitur li mhux maghhom.*"

Il-Qorti tinnota wkoll li hija ma tantx tista tistrieh fuq il-provi mressqa mill-partijiet *stante* li dawn huma kontradittorji u fil-fatt huma fuq kollox immirati sabiex jilhqu biss l-iskop taghhom rispettiv. Fil-fatt din il-Qorti f'dan il-kuntest taccenna ghall-fatt li l-konvenuta riedet taghti stampa li l-access tal-minuri m'ghandux jinghata ghaliex l-attur huwa persuna vjolenti u ghandu kumpannija hazina. Il-Qorti tinnota li l-allegazzjoni ta' vjolenza li giet deskritta b'dettal kbir mix-xhieda tal-konvenuta qatt ma giet korroborata mix-xhieda tat-tifel, li kkorrobora biss l-incident fejn allegatament hbieb ta' l-attur ghamlu referenza ghall-partijiet genitali ta' l-iben minuri. Dan kien incident li kellu jigi evitat minn kull aspett.

Illi l-Qorti f'dan il-kuntest tirreferi ghall-konkluzzjonijiet ta' l-esperti psikjatri li a fol. 188 ikkonkludew li:-

"*Fl-ahharnett irridu nenfasizzaw li <u>huwa dritt tat-tifel</u> li jkollu kuntatt <u>maz-zewg parenti u l-familjari taghhom</u> u d-dritt li jzomm relazzjonijiet u attakkamenti sinjifikanti.*"

Illi f'dan l-isfond din il-Qorti tiddikjara, li kuntrarjament ghal dak li ser jinghad dwar manteniment, hija ghandha l-fakolta' u l-poter sabiex *ai termini* ta' l-**artikolu 61 tal-Kap 16** tannulla kull ftehim bejn mara u ragel dwar il-kustodja tat-tfal, u dan meta huwa hekk mehtieg ghall-gid ta' l-istess minuri. Dan ifisser li l-interess tal-minuri huwa suprem u fil-fatt l-interessi ta' l-ulied huma il-konsiderazzjoni massima li din il-Qorti hija obbligata li tiehu anke f'kawzi ta' separazzjoni u dan jidher car minn diversi dispozizzjonijiet tal-ligi inkluz dawk stabbiliti fl-**artikolu 56 tal-Kap 16,** fejn il-Qorti ghandha s-seta` li wara li tqis dawk il-mizuri li tassew huma mehtiega u wara li tqis ic-cirkostanzi kollha relevanti, tiehu dawk il-provvedimenti kollha opportuni fl-interess tal-minuri, anke fil-kuntest li abbazi ta' l-**artikolu 65 (4)** *"tistabbilixxi li xi hadd mill-genituri jew it-tnejn ikunu michuda mill-jeddijiet ta' l-awtorita' tal-genituri ghall kollox jew f'parti".*

Illi dan ifisser li l-jeddijiet tal-genituri fuq l-ulied huma suggetti ghall-interess massimu ta' l-istess tfal, u ghalhekk dan il-principju gie ndikat bhala *"the paramount interest of the child or children", stante* li fil-kuntest tad-drittijiet ta' l-ulied, d-drittijiet tal-genituri qeghdin hemm fuq kollox sabiex jipproteggu l-istess interess u *benessere* tal-minuri. Dan fil-fatt huwa l-kuncett tal-familja u l-interess tal-minuri huwa wiehed mill-pilastri ta' l-istess tant li l-Qorti hija obbligata li f'kull stadju tal-proceduri quddiemha, kemm waqt il-kawza (dan ukoll *in vista* ta' dak provdut fl-**artikolu 47 tal-Kap 16),** kemm fis-sentenza taghha, u wkoll wara l-istess sentenza (*vide* **artikolu 56 tal-Kap 16)** u wkoll waqt u wara kuntratt ta' separazzjoni, kif gja accennat abbazi ta' l-**artikolu 61 tal-Kap 16,** tara li l-interess suprem tal-minuri jibqa' l-konsiderazzjoni ewlenija f'kull provediment li hija taghti dwar il-kura u kustodja ta' l-ulied, u kull provvediment ghandu, anke wara li jsir ftehim bejn il-genituri, jkun immirat ghall-gid ta' l-istess minuri.

Illi *in vista* ta' dan kollu li semghet u qrat din il-Qorti f'din il-kawza din il-Qorti thoss li ghalkemm il-minuri ghandu jzomm kuntatt mal-genituri tieghu, kemm jista' jkun b'mod regolari, minhabba dak kollu li ghalih gie assoggettat l-istess minuri, bi pressjoni kontinwu fuqu, hafna drabi mill-

genituri tieghu stess, u filwaqt li tirrakomanda bl-iktar mod kawt lill-istess minuri sabiex jaghti widen ghal dan is-suggeriment ta' din il-Qorti, fl-interess ta' l-istess minuri ma thoss li ghandha tiehu biss dawn il-provvedimenti.

Illi fl-ewwel lok tappunta lil Therese Micallef bhala *social worker* mill-Agenzija Appogg sabiex ikollha kuntatt ma' l-istess minuri u sabiex taghmel *monitoring* tas-sitwazzjoni, fl-interess ta' l-istess minuri, b'dan li ghandha tara li x-xewqat ta' l-istess minuri fuq dan il-punt ghandhom jigu rispettati minn kulhadd u mill-genituri tieghu u anke tara wkoll li l-istess genituri tieghu rispettivi bl-ebda mod ma jaghmlu xi forma ta' pressjoni fuq l-istess minuri.

Illi f'dan il-kuntest tordna lill-istess attur u lill-istess konvenuta sabiex jiddesistu minnufih milli b'kull mod li jkun jipprovaw jinfuwenzaw negattivament lill-istess minuri fuq il-kuntatt tieghu ma' ommu u/jew missieru rispettivament, b'dan li kull parti hija projbita u inibita li taghmel xi forma ta' pressjoni fuq il-minuri fil-kuntest ta' dawn il-provvedimenti dwar l-access tal-minuri ghal missieru.

Illi dejjem f'dan l-kuntest, din il-Qorti qed tirrakkomanda li jkun hemm access liberu tal-minuri ghal missieru ta' darba fil-gimgha (ffisata mis-*social worker* hawn nominata wara li tiehu in konsiderazzjoni l-esigenzi tax-xoghol tal-konvenut u l-esigenzi tal-minuri) ghal siegha wahda u ta' darba fil-*weekend* ghal siegha ohra, darba is-Sibt u darba l-Hadd alternattivament, f'hinijiet li jigu iffssati mill-istess *social worker* ta' l-Agenzija Appogg hawn nominata, wara li l-istess *social worker* tikkonsulta ruhha ma' l-istess minuri, li ghandu jithalla fil-liberta' assoluta jekk ihossux komdu li jonora l-istess granet u hinijiet ta' acess tieghu ma' missierhu, b'mod pero' li l-istess missier ghandu jinghata pre-avviz dicenti u ragonevoli jekk l-istess access ghandux isir jew le. Tali access, jekk isir bil-kunsens tal-minuri muri *tramite* l-istess *social worker,* m'ghandux ikun taht ebda supervizjoni, dment li l-istess supervizjoni ma tigix rakkommandata mill-istess *social worker* wara li hija tiehu x-xewqat tal-minuri fuq l-istess, b'dan li l-istess

*social worker* hawn identifikata ghandha tithalla tahdem mal-minuri b'mod liberu minn kull parti f'din il-kawza.

Illi *in vista* ta' dawn id-direttivi, din il-Qorti tordna li l-istess *social worker* taghti rendikont ta' l-operat taghha, bih hawn inkarigata almenu f'kull perjodu ta' tlett xhur, b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tipprezenta kopja ta' l-istess rapporti anke jekk thoss bis-suggerimenti taghha fl-atti ta' din il-kawza b'kopja lill-Kummissarju tat-Tfal u lic-*Chief Executive Officer* ta' l-Agenzija Appogg u biss f'dan is-sens qed tilqa' t-tielet talba attrici u t-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha.

**<u>Manteniment:</u>**

Illi l-attur talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet mid-dritt tal-manteniment kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 2 ta' Frar 1994. Ir-raguni allegata mill-attur kien l-adulterju kommess mill-konvenuta u wkoll li l-konvenuta ghandha ntrojtu taghha.

Illi rigward pattijiet f'kuntratt ta' separazzjoni u talbiet ghal tibdil fl-istess fil-kawza fl-ismijiet **"Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja et"** deciza min din il-Qorti, kif preseduta fl-4 ta' Lulju, 2002 inghad illi:-

"*Illi dan il-kuntratt sar abbazi ta' l-artikolu 59 tal-Kap 16, u din ghandha l-effetti taghha kif provduti fl-artikolu 35 tal-Kodici Civili, u bhala tali twaqqaf kull pendenza gudizzjarja dwar is-separazzjoni personali bejn il-partijiet u konjugi, b'dan li l-istess seperazzjoni hija regolata biss bl-istess kuntratt, hlief ghal dak provdut fl-artikolu 61 tal-Kap 16, fl-interess ta' l-istess minuri, fejn din il-Qorti tista' thassar kull ftehim bejn il-partijiet dwar l-istess ulied, dejjem fl-interess ta' l-istess minuri.*

*Illi allura ssegwi li ghal kull provvediment iehor, inkluz biex jithassar jew jigi varjat dak li hemm miftiehem bejn il-partijiet, wiehed irid jipprocedi taht id-dispozizzjonijiet relattivi dwar kuntratti in generali quddiem din il-Qorti, li ghandha kompetenza generali, hlief jekk provdut b'mod*

*iehor b’xi ligi, dwar kwistjonijiet kollha ta’ natura civili u kummercjali”.*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Galea vs Galea"** deciza minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-26 ta' Frar, 1956, li kienet titratta ghall-talba ghall-awment ta’ manteniment minn dak pattwit intqal illi “*l-promotur ta’ l-alimenti stabbiliti bis-sahha ta' transazzjoni, hija ligi bejn il-partijiet li jistipulawha u ma tistax tithassar hlief bil-kunsens taghhom jew ghar-ragunijiet validi skond il-ligi ghal kawzi stabbiliti ghal impunjazzjoni tal-kuntratti, u li, ghalhekk, din it-transazzjoni li saret obbligu kuntrattwali ma tistax tithassar jew tinbidel, hlief bil-volonta' tal-kontraenti”*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmood Faraj Abdul Kareem”** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-2 ta’ Novembru, 1994 dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:

*“… l-artiklu 992 sub-artiklu (2) tal-Kodici Civili jghid hekk:*

*“Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi"*

*u dan wara li s-subartiklu (1) jghidilna li:*

*"Il-kuntratti maghmulin skond il-ligi, ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Ruth Sultana *proprio et. nomine* vs Emanuel Sultana”** (P.A. (SF) (RCP) 26 ta’ Frar 2004) din il-Qorti wara li ezaminat id-dispozizjonijet ta’ l-**artikolu 54 tal-Kap 16** waslet ghall-konkluzzjoni li tali artikolu ma’ japplikax ghal talbiet ghall-varjazzjoni ta’ manteniment stabbilit b’kuntratt bejn il-partijiet u l-principju li japplika ghall-istess talbiet huwa li l-kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u ghandu jigi rispettat bhal kull kuntratt iehor bejn il-kontraenti.
Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti tinnota li abbazi ta’ dawn l-insenjament t-talba attrici fi-kuntest ta’ allegazzjoni ta’ adulterju ma’ hijiex legalment sostenibbli u dan peress li fl-

istess kuntratt ma' hemm xejn li jindika li l-obbligazzjoni ta' l-attur kienet marbuta ma' xi kondizzjoni simili.

Illi fil-fatt l-unika kondizzjonijiet fl-istess kuntratt ta' separazzjoni datat 2 ta' Frar 1994 ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. John Cachia Zammit li jistghu jigu kkonsidrati bhala rilevanti ghal din il-pendenza huma s-segwenti:-

"*2 (iii). Il-manteniment stipulat ghall-bzonnijiet tal-mara jigi sospiz matul kull perjodu illi l-istess mara tkun qeghda tahdem bi qliegh.*"

"*12. Il-partijiet jaqblu illi t-termini u l-istipulazzjonijiet ta' dan l-att ma ghandhomx jigu varjati jew jitqiesu bhala mibdula f'kaz illi z-zwieg tal-konjugi jigi annullat jew xolt, salv fir-rigward tal-manteniment stipulat bhala pagabbli lill-mara f'liema rigward il-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-ligi.*"

Illi tenut kont tal-fatt skond kif deciz fis-sentenza **"Maria Dolores Agius vs Joseph Agius"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2003 - Cit. Nru.2738/99) illi *"dan id-dritt ta' manteniment bejn il-konjugi jista' jintilef biss fil-kaz kontemplat fl-artikolu 6 tal-Kap 16 fl-eventwalita' li wahda mill-konjugi titlaq mid-dar taz-zwieg u bla raguni valida ma' tkunx trid tirritorna d-dar, jew fuq decizjoni tal-Qorti f'kawza ta' separazzjoni konsegwenti ghad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16*", allura jfisser li l-vantazzjonijiet ta' l-attur fil-kuntest ta' l-allegat adulterju ma jistghux jintlaqghu minn din il-Qorti ghaliex legalment u kontrattwalment ma humiex sostenibbli.

Illi minn naha l-ohra dwar l-allegazzjoni attrici li l-istess konvenuta ghandha mpjieg, din l-allegazzjoni, minn ezami tal-provi prodotti ma gietx ppruvata mill-attur u ghalhekk fid-dawl tal-premess, l-ewwel zewg talbiet fic-citazzjoni attrici ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel, it-tielet, u raba'

eccezzjonijiet tal-konvenuta nkwantu diretti ghall-ewwel zewg talbiet attrici, u filwaqt li tilqa’ l-hames u sitt eccezzjoni tal-konvenuta nkwantu diretti lejn it-tielet talba attrici, u filwaqt li **tichad l-ewwel zewg talbiet attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif deciz, **tilqa t-tielet talba attrici** biss fil-kuntest ta’ dak hawn deciz fl-interess suprem ta’ l-istess minuri Anthony, u dan fis-sens illi:-

(3) Tiddikjara li l-access tal-minuri ghal missieru kif pattwit fil-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet datat 2 ta’ Frar 1994 fl-atti tan-Nutar John Cachia Zammit, ghandu jigi varjat b’dan li din il-Qorti tafferma li ghalkemm hija thoss li l-minuri ghandu jzomm kuntatt mal-ġenituri tieghu kemm jista’ jkun b’mod regolari, minhabba dak kollu li ghalih gie assoggettat l-istess minuri, bi pressjoni kontinwu fuqu hafna drabi mill-genituri tieghu stess, u filwaqt li tirrakkomanda bl-iktar mod kawt lill-istess minuri sabiex jaghti widen ghal dan is-suggeriment ta’ din il-Qorti, fl-interess ta’ l-istess minuri ma thossx li ghandha taghti ordni lill-minuri sabiex tisforzah b’sentenza tal-Qorti li jkollu access ghal missieru, w dan minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz kif fuq spejgati.

Illi ghalhekk fl-ewwel lok tappunta u tinnomina a spejjez bejn iz-zewg partijiet lil Therese Micallef bhala *social worker* mill-Agenzija Appogg sabiex ikollha kuntatt ma’ l-istess minuri u sabiex taghmel *monitoring* tas-sitwazzjoni fl-interess ta’ l-istess minuri, b’dan li ghandha tara li x-xewqat ta’ l-istess minuri fuq dan il-punt ghandhom jigu rispettati minn kulhadd u mill-genituri tieghu u anke tara wkoll li l-istess genituri tieghu rispettivi bl-ebda mod ma jaghmlu xi forma ta’ pressjoni fuq l-istess minuri.

Illi f’dan il-kuntest u fit-tieni lok tordna lill-istess attur u lill-istess konvenuta sabiex jiddesistu minnufih milli b’kull mod li jkun jipprovaw jinfuwenzaw negattivament lill-istess minuri fuq l-kuntatt tieghu m’ommu u/jew missieru rispettivament, b’dan li kull parti hija projbita w inibita li taghmel xi forma ta’ pressjoni fuq il-minuri fil-kuntest ta’ dawn il-provvedimenti dwar l-access tal-minuri ghal

missieru. Tordna li l-istess partijiet rispettivament jattendu kors ta’ *family therapy u parenting skills* organizzati mill-Agenzija Appogg.

Illi fit-tielet lok u dejjem fil-kuntest ta’ dak hawn fuq dikjarat, din il-Qorti qed tirrakomanda li jkun hemm access liberu tal-minuri ghal missieru ta’ darba fil-gimgha (ffisata mis-*social worker* hawn nominata wara li tiehu in konsiderazzjoni l-esigenzi tax-xoghol tal-konvenut u l-esigenzi tal-minuri) ghal siegha wahda u ta’ darba fil-weekend ghal siegha ohra, darba is-Sibt u darba l-Hadd alternattivament, f’hinijiet li jigu ffissati mill-istess *social worker* ta’ l-Agenzija Appogg hawn nominata, wara li l-istess *social worker* tikkonsulta ruhha ma’ l-istess minuri, li ghandu jithalla fil-liberta’ assoluta jekk ihossux komdu li jonora l-istess granet u hinijiet t’acess tieghu ma’ missieru, b’mod pero’ li l-istess missier ghandu jinghata pre-avviz dicenti u ragonevoli jekk l-istess access ghandux isir jew le. Tali access, jekk isir bil-kunsens tal-minuri muri *tramite* l-istess *social worker,* m’ghandhux ikun taht ebda supervizjoni, dment li l-istess supervizjoni ma’ tigix rakkommandata mill-istess *social worker* wara li hija tiehu x-xewqat tal-minuri fuq l-istess, b’dan li l-istess *social worker* hawn identifikata, ghandha tithalla tahdem mal-minuri b’mod liberu minn kull parti f’din il-kawza, taht is-sanzjoni ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti fin-nuqqas.

Illi *in vista* ta’ dawn id-direttivi, din il-Qorti tordna li l-istess *social worker* taghti rendikont ta’ l-operat taghha bih hawn inkarigata almenu f’kull perjodu ta’ tlett xhur, b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u tipprezenta kopja ta’ l-istess rapporti anke jekk thoss bis-suggerimenti taghha fl-atti ta’ din il-kawza b’kopja lill-Kummissarju tat-Tfal u lic-*Chief Executive Officer* ta’ l-Agenzija Appogg.

Bl-ispejjez dwar l-ewwel zewg talbiet attrici a karigu ta’ l-istess attur, u dawk tat-tielet talba attrici, inkluzi l-ispejjez tas-*social worker* hawn nominata, jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Illi dwar il-**kontro-talba ta’ l-istess konvenuta,** din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta’

l-attur ghall-istess rikonvenzjoni u dan in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli mal-premess, **tilqa' z-zewg talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba** biss fis-sens hawn deciz u kif gja dikjarat u ordnat *in vista* tat-tielet talba attrici b'dan illi ghalhekk u *in vista* ta' dak deciz:-

(1) u (2) Tiddikjara li l-access tal-minuri ghal missieru kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet datat 2 ta' Frar 1994 fl-atti tan-Nutar John Cachia Zammit ghandu jigi varjat b'dan li din il-Qorti tafferma li ghalkemm hija thoss li l-minuri ghandu jzomm kuntatt mal-genituri tieghu kemm jista' jkun b'mod regolari, minhabba dak kollu li ghalih gie assoggettat l-istess minuri, bi pressjoni kontinwu fuqu hafna drabi mill-genituri tieghu stess, u filwaqt li tirrakomanda bl-iktar mod kawt lill-istess minuri sabiex jaghti widen ghal dan is-suggeriment ta' din il-Qorti, fl-interess ta' l-istess minuri ma thossx li ghandha taghti ordni lill-minuri sabiex tisforzah b'sentenza tal-Qorti li jkollu access ghal missieru, w dan minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz kif fuq spjegat.

Illi ghalhekk fl-ewwel lok tappunta u tinnomina a spejjez bejn iz-zewg partijiet lil Therese Micallef bhala *social worker* mill-Agenzija Appogg sabiex ikollha kuntatt ma' l-istess minuri u sabiex taghmel *monitoring* tas-sitwazzjoni fl-interess ta' l-istess minuri, b'dan li ghandha tara li x-xewqat ta' l-istess minuri fuq dan il-punt ghandhom jigu rispettati minn kulhadd u mill-genituri tieghu u anke tara wkoll li l-istess genituri tieghu rispettivi bl-ebda mod ma jaghmlu xi forma ta' pressjoni fuq l-istess minuri.

Illi f'dan il-kuntest u fit-tieni lok tordna lil-istess attur u lill-istess konvenut sabiex jiddesistu minnufih milli b'kull mod li jkun jipprovaw jinfuwenzaw negattivament lill-istess minuri fuq il-kuntatt tieghu ma' ommu u/jew missieru rispettivament, b'dan li kull parti hija projbita u inibita li taghmel xi forma ta' pressjoni fuq il-minuri fil-kuntest ta' dawn il-provvedimenti dwar l-access ta' minuri ghal missieru. Tordna li l-istess partijiet rispettivament jattendu kors ta' *family therapy* u *parenting skills* organizzati mill-Agenzija Appogg.

Illi fit-tielet lok u dejjem fil-kuntest ta' dak hawn fuq dikjarat, din il-Qorti qed tirrakomanda li jkun hemm access liberu tal-minuri ghal missieru ta' darba fil-gimgha (ffisata mis-*social worker* hawn nominata wara li tiehu in konsiderazzjoni l-esigenzi tax-xoghol tal-konvenut u l-esigenzi tal-minuri) ghal siegha wahda u ta' darba fil-*weekend* ghal siegha ohra, darba is-Sibt u darba il-Hadd alternattivament, f'hinijiet li jigu ffissati mill-istess *social worker* ta' l-Agenzija Appogg hawn nominata, wara li l-istess *social worker* tikkonsulta ruhha ma' l-istess minuri, li ghandu jithalla fil-liberta' assoluta jekk ihossux komdu li jonora l-istess granet u hinijiet ta' acess tieghu ma' missieru, b'mod pero' li l-istess missier ghandu jinghata pre-avviz dicenti u ragonevoli jekk l-istess access ghandux isir jew le. Tali access, jekk isir bil-kunsens tal-minuri muri *tramite* l-istess *social worker,* m'ghandux ikun taht ebda supervizjoni, dment li l-istess supervizjoni ma' tigix rakkommandata mill-istess *social worker* wara li hija tiehu x-xewqat tal-minuri fuq l-istess, b'dan li l-istess *social worker* hawn identifikata ghandha tithalla tahdem mal-minuri b'mod liberu minn kull parti f'din il-kawza, taht is-sanzjoni ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti fin-nuqqas.

Illi *in vista* ta' dawn id-direttivi, din il-Qorti tordna li l-istess *social worker* taghti rendikont ta' l-operat taghha bih hawn inkarigata almenu f'kull perjodu ta' tlett xhur, b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tipprezenta kopja ta' l-istess rapporti anke jekk thoss bis-suggerimenti taghha fl-atti ta' din il-kawza b'kopja lill-Kummissarju tat-Tfal u lic-*Chief Executive Officer* ta' l-Agenzija Appogg.

Bl-ispejjez ta' l-istess kontro-talba jinqasmu wkoll bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u bil-mod kif il-partijiet irregolaw il-gbir tal-provi u kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' kull parti f'din il-kawza li tressaq il-provi taghha fi zmien ragonevoli u fit-termini ndikati mill-Qorti, u dan awmentat mill-fatt li l-istess partijiet dahlu f'pika esagerata u bla bzonn kontra kull interess ta' l-istess minuri, u dan sar minkejja t-tentattivi tad-difensuri kollha tal-partijiet sabiex iwasslu lill-istess

ghal ftehim gust, u minkejja t-tentattivi tal-Qorti f'diversi okkazjonijiet sabiex il-partijiet irattbu l-atteggjament taghhom ghal xulxin, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-attur ihallas is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u minn naha l-ohra lill-konvenuta thallas is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru minn kull parti fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------